# Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## KUMP NRU. 81/2020: IL-PULIZIJA (SPETTUR CLAYTON CAMILLERI) V. FRANCIS BARBARA (KI. 334183M)

(L-ELEMENTI TAL-APPROPRJAZZJONI INDEBITA KONTEMPLATA TAHT L-ART. 293 TAL-KAP. 9 – L-ELEMENTI TA' TRUFFA TAHT L-ART. 308 TAL-KAP. 9)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**21 ta' Marzu 2023**

IL-QORTI,

wara li rat l-akkużi maħruġa kontra Francis Barbara[1], imwieled l-Awstralja fis-6 ta' Diċembru 1965 u residenti fl-indirizz: 9, Roosendaal Apts, Flat 2, Triq il-Ġlieba, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identità numru 334183M ("l-akkużat" jew "id-Difiża") mixli illi fix-xahar ta' Marzu u fix-xhur ta' wara tas-sena 2017:

1. Approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuni oħra, ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew kkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa, jew li jsir użu minnha speċifikata għad-dannu ta' Szymon Piotr Krupa kif ukoll ta' Owen Sciberras u dan bi ksur tal-*Artikoli 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*;

2. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu minn ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-esistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal biża jew tama dwar xi ħaġa kimerika, għamel qligħ għad-dannu ta' Szymon Piotr Krupa kif ukoll ta' Owen Sciberras u dan bi ksur tal-*Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

   Il-Qorti ġiet mitlub li f'każ ta' ħtija tikkunsidra lill-imputat bħala reċidiv ai termini tal-*Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

[1] Fol 1-3

wara li rat illi fis-seduta tal-preżentata tal-akkużi, matul l-eżami li sar lill-akkużat ai termini tal-Art. 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk iridx iwieġeb u jekk iva, x'ried iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontrih, l-akkużat wieġeb li ma kienx ħati[2],

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-15 ta' Frar 2022[3],

wara li rat l-att tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta' Ġunju 2022[4] li bih billi dehrlu li tista' tinstab ħtija taħt l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 293, 294, 308 u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bagħat lura l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex l-akkużat ikun ġgudikat minn din il-Qorti fin-nuqqas ta' oġġezzjoni mill-istess akkużat, b'dan pero' illi skond kif jipprovdi l-Art. 370(3)(f), l-Qorti kellha tisma' lix-xhieda indikati fl-istess att qabel ma' ssaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja;

wara li rat li fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2022 wara li l-Qorti staqsiet lill-akkużat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li tatu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija dan wieġeb li ma kellu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward[5],

wara li qrat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mogħtija qabel l-assenjazzjoni;

wara li kif presjeduta semgħet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Clayton Camilleri,
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Alfred Abela,

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Mill-provi mressqa f'din il-kawża senjatament mix-xhieda tal-**Ispettur Clayton Camilleri**[6], il-partijiet offiżi **Syzmon Piotr Krupa**[7] (u ommu **Ivana Krupa**[8]) u **Owen**

---

[2] Fol 10
[3] Fol 190
[4] Fol 205
[5] Fol 209
[6] Fol 11-12
[7] Fol 37-42
[8] Fol 116-118

**Sciberras**[9], **Supretendent Maurice Curmi**[10], **PS 343 Glenn Carabott**[11], **Stephen Cachia**[12] u tal-espert maħtur minnha **Dr. Martin Bajada**[13], jirriżulta lill-Qorti illi:

1. Fid-19 ta' April 2017 Syzmon Piotr Krupa wasal fi ftehim[14] mal-akkużat sabiex jixtri mingħandu l-vettura Volvo S40 (numru ta' reġistrazzjoni OJS 001) għall-prezz ta' € 5,100 li minnhom €1,000 kienu tħallsu bħala depożitu ftit jiem qabel, ċioe nhar l-14 ta' April 2017, u l-bilanċ tħallas proprju dakinhar tad-19 ta' April 2017. Iċ-ċwievet ingħataw lil Krupa flimkien mal-*logbook* li pero' ma' kellux il-firma tal-bejjiegħ. Meta ġiet mistoqsi dwar dan, l-akkużat serraħ ras Krupa illi setgħu jiltaqgħu ġimgħa wara sabiex Krupa jgħaddilu d-dokumenti relattivi u l-akkużat ikun jista' jipproċessalu t-trasferiment.

2. Meta reġgħu ltaqgħu fid-29 ta' April 2017, Krupa għadda lill-akkużat ċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni, kopja tal-karta tal-identita' tiegħu u l-*logbook* innifsu. Madanakollu t-*transfer* relattiv baqa' qatt ma sar u xi żmien wara l-akkużat informa lil Krupa illi kien hemm xi diżgwid bejnu u s-sid preċedenti tal-vettura, ċertu Owen, minkejja li assigurah illi l-vettura issa hija tiegħu peress illi nbiegħet lilu.[15] Eventwalment l-akkużat għadda n-numru ta' dan il-persuna bl-isem ta' Owen lil Krupa sabiex jipprova jasal f'xi forma ta' arranġament miegħu. Krupa ltaqa' ma Owen Sciberras li pero' għamilha ċara illi huwa ried il-vettura tiegħu lura. Fl-24 ta' Novembru 2017 Krupa ġie mgħajjat l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra mis-Surġent Glenn Carabott u ġie avżat sabiex jieħu miegħu l-vettura in kwistjoni u jgħaddi ċ-ċwievet lill-Pulizija. Din tħalliet ipparkjata fil-parkeġġ tal-Għassa u baqgħet hemm għal diversi xhur meta imbagħad ingħatat lura lil Owen Sciberras.

3. Fid-19 ta' April 2017, din il-vettura kienet reġistrata fuq Yvonne Sciberras (omm Owen Sciberras) u filfatt baqgħet tidher fuqha sakemm fil-25 ta' Mejju 2020 ġiet reġistrata f'isem Paul Gauci.[16]

---

[9] Fol 69-76 u Fol 105-107 (flimkien ma' fol 135-145 li hija traskrizzjoni tar-*recording* ippreżentat minnu a fol 108)
[10] Fol 88-91
[11] Fol 102-107
[12] Fol 109-110
[13] Fol 209A-216
[14] Fol 46
[15] Krupa jgħid hekk: "*Mr Barbara said, he reassured me that the car belongs to me since I paid for it and no one could ever take it from me. And I was still under the impression that he would fix everything for me and that he was working to proceed with the transfer*"
[16] Fol 109-115

4. Skond **<u>Owen Sciberras</u>** il-vettura Volvo S40 bin-numru ta' reġistrazzjoni OJS 001 <u>kienet tiegħu</u> u għamel ħsieb li jneħħiha meta ra reklam tal-akkużat fuq il-Facebook li kien qed jirreklama għall-bejgħ vettura tal-għamla Mazda RX8. Huwa kkuntattja lill-akkużat u verbalment ftehmu li jsir tpartit u titħallas id-differenza. Skond dak li xehed Sciberras fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2020, huwa staqsa lill-akkużat dwar l-ammont li kellu jibda jħallas bħala licenzja u assigurazzjoni tal-vettura u dan tah l-informazzjoni meħtieġha. Sciberras ingħata il-Mazda RX8, fi kliemu "sabiex jippruvaha" u hu għadda l-vettura Volvo S40 lill-akkużat. Eventwalment skond Sciberras huwa sab illi fil-verita' l-liċenzja u l-assigurazzjoni kienu ser ikunu għoljin wisq. Wara li kien għadda ftit żmien huwa infurma lill-akkużat illi l-vettura ma kienetx tgħodd għalih u l-akkużat infurmah li ma kien jimpurta xejn u li kien lest jeħodha lura, pero' nfurmah ukoll illi l-vettura Volvo S40 kien laħaq biegħha lil ħaddieħor. Għal dan id-diskors ix-xhud jgħid illi qallu: "*biegħtha mingħajr ma sar it-transfer u ma ffirmajniex l-ebda log book u la dikjarazzjoni bil-miktub u xejn?!"*[17] Ix-xhud jgħid ukoll illi l-akkużat offrielu vettura oħra tal-għamla Audi A3 pero' din ma kienetx ta' livell. Eventwalment ix-xhud ħass illi ngidem ġaladarba huwa ma setax jieħu lura l-vettura tiegħu u għalhekk għamel rapport l-Għassa tal-Pulizija. Eventwalment il-vettura Volvo S40 ġiet ritornata lura lilu mill-Pulizija u iżjed tard il-vettura nbiegħet lil terzi.

5. In kontroeżami fl-istess seduta tat-3 ta' Lulju 2020 Sciberras insista illi filwaqt li kien hemm ftehim verbali dwar it-tpartit huwa ppretenda li jkun hemm xi ħaġa bil-miktub. Ikkonferma ukoll illi huwa għamel iżjed minn xahar imma inqas minn xahrejn juża l-vettura Mazda RX8 mgħoddija lilu mill-akkużat.

6. Fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2020 l-istess Sciberras esebixxa *recording*[18] ta' telefonata li kellu mal-akkużat u li matulha tkellmu fuq il-vettura in kwistjoni. Huwa qal illi ma kienx ħa l-kunsens tal-akkużat sabiex jirrekordjah.[19] F'dan ir-rigward filwaqt li mhuwiex kompitu tal-Qorti sabiex tqis jekk kienx hemm xi ksur ta' xi liġi min-naħa ta' Owen Sciberras fl-ipproċessar tar-*recording* in kwistjoni, min-naħa l-oħra ġaladarba d-dritt penali proċedurali tagħna ma jabbraċċjax ir-regola tal-*fruit of the forbidden*

[17] Fol 70
[18] Fol 108
[19] Fol 106

*tree*[20], tali *recording* huwa ammissibbli bħala prova. Kien għalhekk li fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2021 l-Qorti ħatret lill-espert Dr. Martin Bajada sabiex jagħmel eżerċizzju ta' *voice recognition* sabiex janalizza ta' min huma l-vuċijiet li jinstemgħu fir-*recording* in kwistjoni.[21] Dan l-inkarigu twettaq u filfatt Dr. Bajada kkonferma fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2022 illi meta għamel analiżi komparattiv tal-vuċijiet fuq ir-*recording* mal-kampjun tal-*vuċi* tal-akkużat irriżulta illi l-vuċi fir-*recording* imsemmi kien dak tal-akkużat Barbara (apparti naturalment il-vuċi tal-persuna li għamlet it-telefonata, Owen Sciberras)[22].

7. Mit-traskrizzjoni tar-*recording* (li saret mill-espert Dr. Katya Vassallo a fol 135-145) irriżulta illi skond l-akkużat it-tpartit kien effettivament ġie konkluż u dak li ġara filfatt kien illi Sciberras kien reġa bdielu. Jirriżulta ukoll illi l-ftehim ta' tpartit bejn il-partijiet kien jinkludi ħlas li kellu jsir min-naħa ta' Sciberras lill-akkużat. Fuq l-ammont ta' ħlas jidher li ma kienx hemm qbil matul it-telefonata peress illi filwaqt li Sciberras insista illi l-ammont kellu jkun dak ta' € 1,500, l-akkużat qal illi filfatt kienu ftehmu fuq € 2,500. Inoltre Sciberras jinstema jgħid fit-telefonata illi l-ftehim kien illi jekk jieħu l-vettura huwa ser iħallas lill-akkużat € 1,500 fuq temp ta' tlett xhur f'pagamenti mensili ta' €500 il-wieħed. L-akkużat instema jgħid ukoll illi filfatt Sciberras ma setax iħallas minħabba li kien għaddej minn separazzjoni personali.

**Kunsiderazzjonijiet**

2. L-ewwel imputazzjoni tirraviża r-reati kontemplati fl-Art. 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdu kif ġej:

> **'293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:**
> **Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.'**
>
> **'294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ,**

[20] Ara pereżempju s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dragana Mijalkovic** (K 22/2017, 02/04/2019, Maġ Donatella M. Frendo Dimech)
[21] Fol 150
[22] Fol 209A-216

**amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.'**

3. Sabiex jiġi pprovat ir-reat ta' approprjazzjoni indebita aggravata ikkontemplata fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jeħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova li:

    1. **L-akkużat irċieva flus jew xi ħaġa oħra mobbli mingħand xi ħadd.** Il-pussess tal-haġa jrid ikun ġie trasferit lill-akkużat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur tal-ħaġa. It-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni indebita.
    2. **Minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu**,
    3. **Taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat**,
    4. **L-imputat għamel tiegħu l-haġa ċioe` approprja ruħu minnha, jew bieħħa, jew iddistruġġiha jew altrimenti għamel użu divers minnha *a proprio commodo o vantaggio***;
    5. **L-imputat kellu l-intenzjoni li japproprja ruhu mill-ħaġa meta huwa kien jaf li kienet ta' ħaddieħor**.

3. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. John Gauci</u>** (14/02/1997, Imħallef Victor J. Caruana Colombo) il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) qalet:

> "*Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta'l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjatlilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsejatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.*"

4. L-awtur Taljan Francesco Antolisei jgħid fir-rigward ta' dan ir-reat illi:

"*A nostro modo di vedere — conformemente all'opinione che prevale nella nostra dottrina ed a affermata anche nella Relazione del Ministro al Progetto — il delitto di appropriazione indebita costituisce una violazione del diritto di proprieta. La vera essenza del reato, infatti, consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*"[23]

5. Fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Concetta Charles** (Kumpilazzjoni Nru. 379/2006 per Maġistrat illum Imħallef Consuelo P. Scerri Herrera, 20/09/2011), din il-Qorti qalet illi

*"Skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approrazzjoni indebita huma dawn li gejjin:*

*1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*

*3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

*4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

*5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita. Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero', jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni ndebita*

[23] Antolisei, F., & Grosso, C. (2008). Manuale di diritto penale. A. Giuffre.

> *huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-Artikolu 293 tal-Kodici taghna."*

6. Issa mill-provi jirriżulta illi kien hemm **ftehim verbali** bejn l-akkużat u Owen Sciberras sabiex dawn ipartu żewġ vetturi, ċioe li l-akkużat jagħti l-vettura Mazda RX8 lil Sciberras u dan jagħti lill-akkużat l-vettura Volvo S40 flimkien ma' pagament ta' somma flus. Mill-kontroeżami ta' Sciberras ħareġ illi dan ippretenda illi sabiex isir it-tpartit għandu ikun hemm xi skrittura bejniethom u li għandu jsir it-trasferiment formali mal-Awtorita' tat-Trasport. Wara li Sciberras uża l-vettura Mazda RX8 għal numru ta' ġimgħat (possibilment sa' xahrejn) dan biddel ħsiebu apparentement meta nduna li l-liċenzja u l-assigurazzjoni kienu ser jiġu ħafna iżjed għoljin milli previst u għalhekk f'dak l-istadju dehrlu **illi darba t-trasferiment formali ma kienx għadu seħħ** allura huwa seta jagħti lura l-vettura Mazda RX8 lill-akkużat u jiġbor mingħandu l-vettura Volvo S40. Mir-*recording* esebit in atti jidher illi għall-akkużat t-tpartit tal-vetturi kien sar u li huwa aċċetta illi jieħu lura l-vettura mingħand Sciberras wara li dan tal-aħħar kien reġa bdielu, iżda kien lest joffrilu vettura oħra bħala kumpens u mhux il-vettura Volvo S40 li fil-frattemp kien laħaq biegħha lil Szymon Piotr Krupa.

7. Huwa prinċipju legali assodat fil-liġi ċivili illi l-bejgħ ta' oġġett jiġi konkluż appena l-partijiet jaqblu fuq l-oġġett u fuq il-prezz u dan anke jekk l-oġġett ma' jkunx ġie kkunsenjat jew il-prezz ma jkunx tħallas.[24] Għalkemm huwa desiderabbli illi żewġ persuni li jiftehmu fuq il-bejgħ ta' vettura jew tpartit ta' vetturi jagħmlu dan bil-kitba (jekk xejn sabiex ikun hemm prova konkreta tal-intenzjoni tagħhom), madanakollu l-liġi ċivili ma tissuġġettax il-validita' tal-bejgħ jew tpartit għall-kundizzjoni illi dan għandu jsir bil-miktub. Li tagħmel il-liġi huwa li tobbliga lill-bejjiegħ sabiex entro żmien stipulat jirreġistra t-trasferiment mal-awtoritajiet konċernati. F'dan is-sens l-Art. 27(1) u (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 jipprovdu illi:

> **'27.(1) Kull persuna li tiftiehem li tbiegħ, jew tkun tbiegħet, jew xort'oħra tneħħi l-vettura bil-mutur tagħha, għandha, fi żmien sebat ijiem, tavża bil-miktub dwar dan lill-Awtorità, fejn tinkludi l-isem u l-indirizz tal-persuna li tixtri, jew tiftiehem li tixtri, l-imsemmija vettura bil-mutur u għandha wkoll tagħti lill-Awtorità ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni relattiv.**

[24] Art. 1347 tal-Kap. 16: *"Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej"*

**(2) (a) Kull persuna li tbiegħ jew xort'oħra tittrasferixxi lil xipersuna oħra xi vettura bil-mutur, għandha timla kif suppost u tgħaddi lill-Awtorità l-Formola dwar it-Trasferiment ta' Vetturi li tinsab maċ-ċertifikat ta'reġistrazzjoni. L-Awtorità għandha mbagħad toħroġ liċenza għall-vettura f'isem is-sid il-ġdid u għandha toħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni ġdid lis-sid il-ġdid.**

**(b) Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni l-ġdid għandu jinħareġ lis-sid il-ġdid wara li jsir il-ħlas tad-dritt amministrattiv ta' għaxar euro (€10)'**

8. It-trasferiment formali fir-reġistrazzjoni ta' vettura jimplika l-bejgħ imma m'huwiex sinonimu mal-bejgħ innifsu tant illi l-istess liġi tipprovdi ukoll taħt l-Art. 27(4) illi:

   **'27 (4) Il-bejgħ jew trasferiment ta' vettura bil-mutur <u>għandu jfisser</u> (it-test Ingliz huwa: "shall imply") it-trasferiment tal-vettura bil-mutur iżda dak li kellu l-liċenza qabel għandu jibqa', għall-finijiet kollha tal-liġi,responsabbli sakemm iwettaq id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) u l-avviż li jkun hekk ta, għandu jkun insab mill-Awtorità li jkun sew u korrett'**

   Għalhekk il-liġi stess tikkontempla każijiet fejn għad li jkun sar bejgħ ta' vettura madanakollu t-trasferiment formali tar-reġistrazzjoni ma jkunx għadu sar, f'liema każ il-persuna li fuqha tkun għadha reġistrata l-vettura tibqa' responsabbli f'għajnejn il-liġi għal dak il-vettura.

9. Filfatt fiż-żmien tal-allegat reat l-vettura Volvo S40 lanqas kienet reġistrata fuq isem sidha Owen Sciberras, imma kienet reġistrata f'isem ommu. Dan huwa eżempju ieħor ta' kif il-persuna reġistrata bħala "s-sid" mal-Awtorita' tat-Trasport ma tkunx neċessarjament il-proprjetarja tal-vettura għalkemm jerġa jingħad illi dan mhuwiex desiderabbli u minnu nfusu filfatt jipprospetta ukoll it-twettiq ta' reat kriminali minn dak li jonqos illi javża lill-Awtorita' bit-trasferiment konċernat.

10. Hu x'inhu jidher ċar għall-Qorti illi minkejja dak li ntqal minn Owen Sciberras fix-xhieda tiegħu, it-tpartit tal-vetturi in kwistjoni bejnu u bejn l-akkużat kien finalizzat u perfett u ma kien soġġett għall-ebda kundizzjoni oħra. In-nuqqas ta' reġistrazzjoni tat-trasferiment (min-naħa ta' Sciberras fir-rigward tal-vettura Mazda RX8 li akkwista mingħand l-akkużat, u min-naħa tal-akkużat fir-rigward tal-vettura Volvo S40 li akkwista mingħand Sciberras) bl-ebda mod ma affettwa l-bejgħ tal-imsemmija vetturi lil xulxin.

11. Naturalment dan ifisser illi diversi elementi tar-reati ravviżati fl-ewwel imputazzjoni m'humiex sodisfatti mhux l-inqas il-fatt illi kien hemm trasferiment

tad-dominju (u mhux sempliċiment tal-pussess) tal-proprjeta' lill-akkużat. M'huwiex il-każ illi l-vettura ingħatat minn Sciberras lill-akkużat taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd lura tagħha jew li jsir minnha xi użu speċifikat.

12. Lanqas ma jirriżulta illi kien hemm xi approprjazzjoni indebita fil-konfront ta' Szymon Piotr Krupa peress illi ma tressqet l-ebda prova illi Krupa għadda jew ikkunsinna xi oġġett lill-akkużat. Filfatt huwa ċar illi isem dan il-persuna ma kellux jiġi indikat mill-Prosekuzzjoni bħala l-parti offiża f'din l-imputazzjoni iżda semmai dan kellu jkun indikat biss bħala parti offiża fit-tieni imputazzjoni.

13. Għalhekk din l-imputazzjoni ma' tirriżultax ppruvata.

14. It-tieni imputazzjoni tirraviża r-reat ta' truffa kkontemplat fl-Art. 308 tal-Kap 9 li jipprovdi hekk:

> **'308. Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin'**

15. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Charles Cutajar** (Nru 1123/2008, per Maġistrat illum Imħallef Edwina Grima, 23/03/2011) din il-Qorti qalet hekk:

> *"Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti."*

16. Fl-istess sentenza l-Qorti għamlet riferenza ukoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Charles Zarb** (per Imħallef Carmel A. Agius, 22/02/1993) meta inqal is-segwenti:

> *"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-*

*Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciż… Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …*

*... Skond gurisprudenza kostanti Li din il-Qorti kif ippresjeduta taqbel maghha, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin;*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd;*

*Fit-tieni lok il-legislatur aktar mill-interess socali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjaJi individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel;*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*... …. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….*

*... Dwar l-artifizzji hemm diversi sentenzi tal-Qrati tagħna u ta' din il-Qorti specjalment. Hekk, l-Imhallef W. Harding tas-27 ta' Mejju, 1944 in re Il-Pulizija vs Nikol Bonnici qal "Il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha ..... waslet ghall-konkluzjoni illi hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308} illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza Regina versus Francesco Cachia u Charles Beck deciza fit-2 ta' Jannar, 1896 li fiha ntqal illi "quel articolo non richiede solamente una asserzione*

*mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate inganno, raggiro o simulazione, ed e necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede"*

17. Fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis** (Qorti tal-Appell Kriminali, 31/10/1959, Imħallef Guze Flores) intqal illi:

    *"Ghar-reat ta' truffa kkontemplat fl-artikolu 322 (ilium 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. M'huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta, dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Il-ligi. taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali, li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi u li taghti dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene"*

18. Stabbilit dan kollu l-Qorti issa ser tgħaddi biex teżamina fl-isfond tal-prinċipji legali appena esposti l-fattispeċje ta' dan il-każ u tara jekk jirriżultawx l-elementi tar-reat ta' truffa. Din il-Qorti trid tiddeċiedi l-ewwel, jekk jirriżultax l-element formali tar-reat ċjoe jekk kienx hemm l-intenzjoni da parti tal-akkużat Barbara li jiddefrawda lil Szymon Piotr Krupa u/jew lil Owen Sciberras ċioe jekk kellux l-intenzjoni (i) li jakkwista l-vettura Volvo S40 mingħad Sciberras b'ingann, u (ii) li jittrasferixxi l-istess vettura Volvo S40 lil Krupa b'ingann, b'mod li dan ikun qed isir bi profitt inġust tiegħu. F' dan ir-rigward l-ġurisprudenza kif fuq ċitata tgħid illi huwa essenzjali li fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat, l-imputat irid ikun konxju tal-inġustizzja tal-profitt.

19. Il-Qorti tqis illi fiż-żewġ transazzjonijiet separati li saru mill-akkużat jonqos dan l-element tal-intenzjoni frawdolenti. Ibda biex fit-transazzjoni ma' Sciberras l-akkużat kellu kull dritt iqis illi l-vettura Volvo S40 kienet ġiet akkwistata mingħand l-istess Sciberras anke jekk kien jonqos li jsir it-trasferiment. Ma tressqet l-ebda prova suffiċjenti illi din it-transazzjoni kienet tikkonsisti fil-promessa ta' tpartit (u mhux fi tpartit innifsu) jew illi t-tpartit kien soġġett għal xi kundizzjoni. Anqas biss filfatt jirriżulta lill-Qorti illi l-vettura ġiet akkwistata mill-akkużat b'xi gidba jew ingann. Hekk ukoll fit-trasferiment sussegwenti tal-vettura lil Krupa, għalkemm l-akkużat kien xi ftit jew wisq traskurat jekk mhux ukoll azzardat illi assuma li t-trasferiment għal fuqu tal-istess vettura kien ser isir mingħajr problemi, madanakollu ma jirrizultax illi l-akkużat kellu xi intenzjoni li jiddefrawda lil Krupa billi jbiegħlu vettura li kien jaf li ma kienetx tiegħu. Lanqas ma jirriżulta illi Krupa ġie mwiegħed illi l-vettura li kien qed jixtri kienet reġistrata fuq isem l-akkużat. Infatti l-Qorti ma

tistax tifhem kif Krupa nnifsu ma' ndunax illi l-proprjetarju reġistrat tal-vettura ma' kienx l-akkużat iżda filfatt kienet omm Owen Sciberras, xi ħaġa li kienet tidher b'mod ċar mill-*logbook* li ġie mgħoddi lil Krupa dakinhar stess tal-bejgħ.

20. Inoltre, huwa nieqes kompletament minn din l-istorja kollha l-element tal-*messa in scena* li għaliha saret riferenza fil-ġurisprudenza fuq msemmija.

21. Għalhekk din it-tieni imputazzjoni ukoll ma tirriżultax li ġiet ippruvata.

22. Li huwa ċar għall-Qorti huwa illi f'din il-kawża l-Prosekuzzjoni, forsi għaliex taħt pressjoni mill-avukati tal-partijiet offiżi, m'għarfietx tapprezza l-linja ta' demarkazzjoni li teżisti bejn każijiet ta' natura ċivili bħal ma hu dan il-każ, u każijiet purament ta' natura kriminali li għalihom jirreferu l-Artikoli 293, 294 u 308. Ċertament illi l-Pulizija tal-Għassa tal-Qawra ma kellha qatt tintervjeni bil-mod kif għamlet meta mhux biss talbet ir-radd lura tal-vettura Volvo S40 mingħand Krupa iżda inoltre tagħta lura lil Sciberras **fi stadju meta l-vertenza kienet waħda purament ċivili u li kellha tiġi riżolta biss b'mod definittiv minn Qorti ta' Ġurisdizzjoni Ċivili.** Bil-mod fervent (bl-Ingliż, "overzealous") kif aġixxiet, il-Pulizija għamlitha ta' awtorita' li tiddeċiedi hi ta' min kienet il-vettura in kwistjoni meta kwistjoni bħal din ċertament ma kienetx taqa taħt il-funzjoni jew kompetenza tagħha.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx lill-akkużat ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu stante li ma ġewx ippruvati u għaldaqstant tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep. Reġistratur